**Messaġġ irrekordjat fl-okkażjoni taċ-ċelebrazzjoni Milied Hieni**
**mill-Eċċellenza Tiegħu George Vella**
**14 ta' Diċembru 2020**

Għeżież Maltin u Għawdxin,

Nibda billi ningħaqad mal-kelliema ta' qabli u nawgura lill-Poplu Malti u Għawdxi kollu Milied hieni.

Nirringrazzja lill-organizzaturi tal-kampanja Milied Hieni, li sena wara oħra, jiġbruna flimkien sabiex nieqfu u naħsbu ftit fil-valuri li ġġib magħha u ggieghlna nirriflettu fuqhom din il-festa.

Normalment bħal dan iż-żmien inkunu mehdija bit-tiżjin tal-Milied, tisjir ta' ħelu marbut ma' din il-festa u ġirja kontra l-ħin biex nixtru r-rigali.

Din is-sena kienet differenti u diffiċli.  L-imxija tal-Covid-19 bidlitilna ħajjitna. Kellna nadattaw għal modi ġodda fuq ix-xogħol, fl-iskola, u anka kif inqattgħu l-ħin liberu tagħna.  Kellna nitgħallmu ngħixu b'differenti.

Biddilna r-rutina li konna mdorrijin biha, u minhabba certi restrizzjonijiet, sibna l-ħin li stajna nuzaw għal affarijiet oħra. Kellna ċ-ċans napprezzaw aktar lill-membri tal-familja taghna, kif ukoll xi ħbieb. Minkejja d-distanza, kellna l-ħin nagħmlu telefonati li fir-rutina tal-hajja normali normali qatt ma konna nsibu ċ-ċans għaliha. Kellna aktar hin nitkellmu u naqsmu l-ħsibijiet u l-beżgħat tagħna ma dawk ta madwarna.

Dan il-Milied, għalhekk, se jkun differenti minn dawk tas-soltu. Se jkun aktar kwiet iżda ma jfissirx li għandu jkun nieqes mill-Ispirtu u valuri ta' din il-festa li niċċelebraw b'tant għożża ta' kull sena.

Għandu jkun mument sabiħ ta' riflessjoni; fuq din is-sena li daqt tintemm, dak kollu li għaddejna minnu. Din is-sena, li bhal dan iz-zmien sena ilu, hadd ma kien biss jghaddilu minn rasu min x'xhiex kellna nghaddu.

Is-sena l-oħra kont ħeġġiġtkom li ma tinsewx lil dawk kollha f'ħajjitkom, kemm qraba u ħbieb, li forsi jesperjenzaw is-solitudni f'dawn iż-żminijiet. B'mod speċjali l-anzjani u dawk kollha li jgħixu waħedhom.

Issa drajna nżommu 'l bogħod minn xulxin sabiex nipproteġu lilna nfusna u lill-vulnerabbli tagħna.

Ċaħda iebsa sforz l-imħabba u rispett.

Minkejja dan, inħeġġiġkom dejjem tibqgħu f'kuntatt kontinwu. Il-mezzi ta' komunikazzjoni jgħinu bil-wisq f'din ir-realtà li qed ngħixu. Ġesti żgħar li bihom kull individwu jħossu li jagħmel parti minn familja. M'hemm l-ebda zkuza li b'xi mod nhallu l-eghziez taghna jahsbu li gew abbandunati.

Napprezza l-fatt li l-imxija tal-pandemija affetwat is-saħħa mentali ta' ħafna għal raġunijiet differenti. Kunu ta' wens: ieqfu, isimgħu u ifhmu lil dak li jkun. U jekk ikun hemm bżonn għaddu kliem ta' faraġ ukoll.

L-empatija u l-moghdrija huma karatteristici sbieh tagħna l-Maltin. Ejja ma nistennewx lil bagħtut jew lill-marid ikollu jitlobolmna huwa. Ejja nkunu lesti li noffruha aħna kull meta ngħarfu l-bżonn. Dan hu l-isbaħ rigal li tistgħu toffru. Hekk tkunu qed tgħixu tassew l-Ispirtu tal-Milied.

Insellem lilkom kollha li tliftu x-xogħol, u li tħossukom taqtgħu qalbkom speċjalment f'dawn iż-żminijiet. Minn qalbi nitlobkom tagħmlu kuraġġ. Dan iż-żmien jgħaddi, u nittamaw f'Alla li kull wieħed minnkom jerġa' lura għal impjieg mill-aktar fis.

Irrid ngħid grazzi kbira lit-tfal Maltin u Għawdxin kollha. Kburi bikom li kontu kuraġġużi u li dejjem obdejtu lill-ġenituri, lill-għalliema u lill-awtoritajiet tas-saħħa u tas-sigurtà, u f'hafna kazi kontu ta' ezempju ghalina l-kbar kif ghandna ingibu ruhna.

Lil dawn ukoll nirringrazzjhom għan-nom tal-Poplu kollu. Pajjiżna seta' jkompli jimxi 'l quddiem fuq kollox bis-saħħa tas-sagrifiċċju tagħkom.

Kif dejjem intenni, il-mard ma jħarisx lejn uċuħ u ma jieqafx għax għaddejjin minn pandemija. Għalhekk irrid nieħu din l-okkażjoni biex infakkar fl-appuntament tal-Istrina, l-għada tal-Milied, u nirringrazzjakom minn issa talli tkunu ġenerużi ma' min hu fil-bżonn.

Fl-aħħar nett, nagħlaq bit-tama li bħal-lum sena nkunu f'sitwazzjoni fejn tgħannieqa terġa ssir parti min-normalità tagħna u hekk flimkien ma' marti Miriam, nixtieqilkom Milied hieni, paċi u fuq kollox sahha.

Insellmilkom.